## U JERĠA' JISBAĦ

Nocturne

*Ejja, dlam, ejja:*
*Narak titkaxkar wara sħab smewwieti,*
*Beżgħan li ttemm in-nisġa ta' ġrajjieti,*
*Ejja, dlam, ejja.*

*Infirex fuqi,*
*Iġborni fik, id-dawl tal-jum itfili,*
*Tregħid u qsim il-qalb u dmugħ ħallili,*
*Infirex fuqi.*
*Għattini b'libstek,*
*Istorli d-dehra tal-mibegħda u l-ħjiena,*
*Ifridni mit-tellix tat-"Tiegħi" u l-"Jiena",*
*Għattini b'libstek.*

*Żommni fi ħdanek,*
*Nessili l-frugħa ta' mħabbiet imwiegħda,*
*Taffi x-xenqat u l-għatx ta' qalb imriegħda,*
*Żommni fi ħdanek.*
*Ejja, dlam, ejja,*
*Inżel fi ħsiebi, keċċi l-ħolma kerha*
*Ta' ħaqq giddieb li f'art ħawlija nżera',*
*Ejja, dlam, ejja.*

*Dur, dalma, miegħi,*
*Sikket l-għajjat tal-bhejjem ta' madwari,*
*La tħallihomx jeqirdu s-sliem ta' dari,*
*Dur, dalma, miegħi.*
*'Tini s-serħ tiegħek,*
*Raqqadni fik, idfen il-hemm ta' jiemi*
*F'qalb min hu ħati ta' dal-għawġ dejjiemi,*
*'Tini s-serħ tiegħek.*
*Ja lejl sewdieni,*
*Ifrex il-ġwienaħ fuq in-nagħsa tqila*
*Ta' qalb għajjiena wara ġlieda twila,*
*Ja lejl sewdieni.*

*Għada xħin jisbaħ,*
*Ix-xemx ħanina ta' żgħużija mħarrba*
*Terġa' tiddi f'għajnejn bid-dmugħ imxarrba,*
*U jerġa' jisbaħ.*

VAL. V. BARBARA O.P.